



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Dokument ta' sessjoni*

---

24.10.2011

B7-0544/2011

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

sabiex jingħalaq id-dibattitu dwar id-dikjarazzjoni tal-Viċi-President tal-Kummissjoni/tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

skont l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-iżviluppi attwali fl-Ukraina

**Jaromír Kohlíček**  
f'isem il-grupp GUE/NGL

RE\881603MT.doc

PE472.741v01-00

**MT**

*Magħquda fid-diversità*

**MT**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-iżviluppi attwali fl-Ukraina**

*Il-Parlament Ewropew,*

wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Ukraina,

- wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni (FSK) bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukraina, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 1998, u n-negozjati għaddejjin dwar ftehim ta' assoċjazzjoni ġdid imfassal sabiex jieħu post l-FSK,
  - wara li kkunsidra l-Aġenda ta' Assoċjazzjoni UE-Ukraina li tiegħu post il-Pjan ta' Azzjoni u li ġiet approvata mill-Kunsill ta' Kooperazzjoni UE-Ukraina f'Ġunju 2009,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi minħabba d-daqs, il-pożizzjoni ġeografika u r-rabtiet storiċi, kulturali, ekonomiċi u oħrajn tagħha mal-Ewropa Ċentrali u tal-Punent, l-Ukraina hija sieħeb importanti għall-UE u attur reġjonali ewlieni;
- B. billi n-negozjati bejn l-Ukraina u l-UE dwar il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u l-liberalizzazzjoni tal-viża qegħdin fi stat avanzat u jistgħu jkunu konklużi sal-aħħar tal-2012;
- C. billi l-pajjiż għal ħafna snin sofra minn instabilità politika, korruzzjoni, privatizzazzjoni li wasslet għal strutturi ekonomiċi oligarkiċi, problemi fil-provvista u trasferiment tal-enerġija lejn l-Ewropa kkawżati minn politika anti-Russa tal-gvernijiet ta' qabel, problemi soċjali u skuntentizza taċ-ċittadini Ukraini bil-mexxejja politiċi tagħhom; billi l-elezzjonijiet reċenti wasslu għal stabilità politika;
- D. billi l-korruzzjoni u l-abbuż ta' poter fl-Ukraina jibqgħu mifruxa u jeħtiġilhom rispons inekwivokabbli mill-awtoritajiet sabiex daww responsabbli jittressqu quddiem il-ġustizzja; billi l-prosekuzzjonijiet u l-investigazzjonijiet iridu jkunu imparzjali u indipendenti u mhux sottomessi għall-finijiet politiċi;
1. Jikkunsidra l-ġlieda kontra l-korruzzjoni bħala fattur fundamentali sabiex ikun stabbilit u kkonsolidat l-istat tad-dritt fl-Ukraina;
  2. Jappella lill-UE u lill-pajjiżi ġirien kollha biex ma jindaħlux fil-kwistjonijiet interni u jonqsu milli jagħmlu pressjoni ekonomika jew kwalunkwe pressjoni oħra;
  3. Jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lis-SEAE:
    - a) jagħmlu l-progress neċessarju kollu sabiex jaslu għall-konklużjoni rapida għal Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Ukraina,
    - b) jagħmlu hilitom sabiex il-Kunsill jiffirma l-ftehim u biex kemm jista' jkun malajr

iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-parlamenti nazzjonali d-dokumenti kollha rilevanti għall-proċess ta' ratifika;

4. Jagħti iŋstruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Viċi-President tal-Kummissjoni/ lill-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lis-SEAE u, għall-informazzjoni tagħhom, lill-awtoritajiet Ukraini.